MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 1137/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**BRIAN BELLOTTI**
**(ID Nru. 309384M)**
**RENARD TABONE**
**(ID Nru. 17378M)**
**GRAEME MCKAY**
**(ID Nru. 596981M)**
**MARFLENE CRICCHIOLA**
**(ID Nru. 513386M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1137/2008

Illum, 24 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Bellotti, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 309384M; l-imsemmi Renard Tabone, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 17378M; l-imsemmi Graeme McKay, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 596981M u l-imsemmi Marflene Cricchiola, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 513386M.

**Akkuzati talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fil-hamsa (5) ta` Gunju 2008 ghal habta tat-tlieta ta` filghodu (03:00am), gewwa **Havana Bar** u/jew barra fil-vicinanzi fi Triq San Gorg, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta` natura gravi fil-gisem ta` Jeffrey Chetcuti.

Lil Marflene Chetcuti wahdu akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qrati ta` Malta, Magistrat Dr. A. Vella LL.D, tad-disgha u ghoxrin (29) ta` Marzu 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta` Jeffrey Chetcuti jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta` flus li tigi iffissata mill-Qorti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat in-nota tal-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 370 (b) tal-Kapitolu 9 datata ghoxrin (20) ta` Novembru 2008;

Wara li rat l-Artikoli 216, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza tikkoncerna incident li sehh fil-lejl kmieni filghodu tal-hamsa (5) ta` Gunju 2008 gewwa l-**Havana**, Paceville. Ghal habta tat-tlieta ta` filghodu (03:00am), Jeffrey Chetcuti li kien hemm fil-kumpanija ta` habiba tieghu, Elaine Theuma, kien iddecieda li jitlaq. Fil-kumpanija ta` Theuma huwa resaq lejn il-bieb ta` barra li jaghti ghal tarag illi jghati ghal bieb ta` barra isfel u kwindi ghat-triq. Kif Chetcuti, fil-kumpanija ta` Theuma, wasal ezatt mat-tarag li jaghti ghal isfel u, ghalhekk ghall-bieb ta` barra, grupp ta` zghazagh taljani bdew jghatu fastidju lil Theuma u Chetcuti kellu kliem ghalihom.

Illi nqala` l-inkwiet u, bhal ma huwa x-xoghol taghhom, intervenew numru tal-membri tas-sigurta`, fosthom tlieta (3) mill-imputati, sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Wiehed minnhom zamm lil Chetcuti minn wara u beda, fost it-tgegwigija li kien hemm, jidderigieh lejn l-ewwel targa li tghati ghal isfel. Sa hawn il-partijiet jaqblu fil-verzjonijiet taghhom izda ezatt hawnhekk illi huma jiddiversifikaw.

Illi skont Jeffrey Chetcuti, dak illi kien qieghed izommu minn wara xehtu jew ahjar tefghu ghal isfel tul it-tarag kollu u meta huwa wasal isfel, dawn il-*bouncers* komplew jghatuh bis-sieq jew “jixxuttjawx” kif spjega hu u b’hekk, sia bil-waqa` u kif ukoll bis-sussegwenti daqqiet, Jeffrey Chetcuti jghid illi huwa sofra griehi ta` natura gravi li l-konsegwenzi taghhom ghadu jbati bihom sal-llum.

Illi Dr. Rodianne Agius illi ezaminat lil Jeffrey Chetcuti fl-istess gurnata tal-incident tikklassifika l-feriti sofruti mill-vittma bhala kompatibli ma` waqa`, tikklassifika dawn il-griehi bhala “hfief salv kumplikazzjonijiet”. Illi gew esebiti numru ta` certifikati medici ohra, il-maggoranza taghhom mahrugin minn Dr. Kirill Micallef Stafrace li ghal din il-Qorti huma ferm inkonklussivi izda fix-xhieda tieghu tas-sitta (6) ta` Lulju, 2009, huwa jiddiskrivihom bhala gravi minhabba n-natura permanenti taghhom. Dawn jikkonsistu *f’diviation of nasal septum* jew ahjar kellu mniehru daqsxejn, kemm kemm, mghawweg tant illi ma kienx hemm bzonn ta` operazzjoni u lanqas kien ser jaffettwalu l-loghob tal-futbol ghaliex Chetcuti huwa *football player* ma` Sliema Wanderers. Illi xehed ukoll Dr. Mario Zammit illi l-vittma kien sofra ksur f’zewg sinniet ta` quddiem bhala konsegwenza ta` dan l-incident izda dawn baqghu hajjin u gew imsewwija b’*filling* abjad. Jiddeklima milli jiddifenixxi dawn il-feriti bhala gravi jew hfief.

Illi l-verzjoni tal-imputati hija kemm xejn differenti fis-sens illi waqt dak li gholza lil Jeffrey Chetcuti qabad it-tarag biex inizlu bil-kwiet u dan fil-qadi ta` dak li hu dmir tieghu u xogholu li jaghmel, huwa ha pass falz, zelaq,

tgerbeb u kieku ma kienx pront izomm mal-hajt, kien ser jibqa` niezel hu flimkien ma` Jeffrey Chetcuti li baqa` niezel *headlong* it-tarag tal-post u llandja isfel.

Illi dawn huma l-verzjonijet taz-zewg partijiet. Izda mhux biss hija d-divergenza limitata ghal dan ghax, skont Jeffrey Chetcuti, l-erba` akkuzati nizlu jigru t-tarag u waqt li kien ghadu mal-art, komplew ituh bis-sieq u ma tawhx cans milli jqum. L-imputati, kuntrarjament, jixhdu dan kollu.

Illi l-verzjoni ta` Jeffrey Chetcuti ma hijiex konfortata minn xhieda okulari indipendenti. Elaine Theuma, il-habiba tieghu li kienet prezenti matul l-incident kollu, mill-bidu meta hija harget mieghu minn gol-**Havana**, fil-battibekk illi Chetcuti kellu maz-zghazagh taljani anzi jidher illi hi kienet il-kawza, meta Jeffrey gie mitfuh jew waqa t-tarag tal-post u griet isfel warajh ghal barra t-triq ma ssemmi xejn minn dana s-swat. Hija tghid testwalment “Ma nafx jekk qalax xi xutt!”. Ian Ciantar, habib ta` Jeffrey Chetcuti u xhud tal-Prosekuzzjoni jixhed illi meta huwa wasal fuq il-post, ra lil Jeffrey Chetcuti mal-art u lill-*bouncers* jerfghuh minn mal-art u jidderuguh lejn barra.

Mistoqsi:
“Mela qed tikkonferma li fl-ebda hin ma rajt lil dawn in-nies isawtu lil dan ir-ragel”
Huwa jirrispondi kategorikament “*No*”.

Kevin Chircop, habib iehor ta` Jeffrey Chetcuti u xhud iehor tal-Prosekuzzjoni li jiddentifika lill-imputat Brian Bellotti bhala l-bniedem li tefa` ghal isfel it-tarag lill-habib tieghu izda ma ra xejn minn dak illi gara indana ta` isfel u fit-triq.

Punt interessanti huwa l-fatt illi Jeffrey Chetcuti u Kevin Cutajar it-tnejn jiddentifikaw lill-akkuzat Bellotti bhala l-*bouncer* illi nbotta lil Chetcuti isfel it-tarag. L-akkuzat Graeme McKay jammetti li kien hu li mmobilizza lil Jeffrey Chetcuti u wera kif immobilizzah permezz ta` demostrazzjoni li huwa ezegwa fil-Qorti fuq il-Marixxal taghha.

Illi ezami tax-xhieda medika turi bic-car illi l-feriti kollha sofferti minn Jeffrey Chetcuti huma kompatibbli ma` waqa ta` tarag. Dawn il-griehi kienu jikkonsistu fi griehi superficjali fuq quddiem u fuq wara, tbengila fuq widnejh u nefha fuq xofftejh illi ma kellux bzonn ta` punti. Il-griehi fl-imnieher qatt ma gew imsemmija hlief xi zmien wara u dina l-Qorti mhix f’pozizzjoni tikkonstata jekk dawn il-feriti gewx ikkagunati bhala

konsegwenza ta` dana l-incident ghax, wara kollox, wiehed m'ghandux jinsa li Chetcuti huwa plejer professjonali tal-futbol u ,ghalhekk, dana l-mankament ta` mniehru seta` gie kkagunat f'data wara l-incident matul xi loghba tal-futbol. Lanqas ma dina l-Qorti tikkonstata jekk dina l-ferita hija wahda ta` natura hafifa jew ta` wahda serja.

Illi dina l-Qorti hija kkonfrontata minn zewg verzjonijiet tal-akkadut u ghandha tiddeciedi liema, minn dawn il-verzjonijiet, hija l-iktar wahda verosimili. Normalment, il-Qorti ikollha diffikulta sabiex taghmel dan u jkollha tillibera minhabba l-principju ta` *in dubio pro reo*. Izda, f'dan il-kaz, hija konfortata bix-xhieda ta` David Flores li spjega kien avvicinah Jeffrey Chetcuti u qalilhom "*he was after financial compensation*".

Illi minhabba f'hekk, dina l-Qorti hija propizja li temmen inqas il-verzjoni ta` Jeffrey Chetcuti u ghalhekk, tiddeciedi billi tiddikjara l-akkadut bhala incident purament u kompletament accidentali. U, ghalhekk, l-accidentalita` hija l-*kasus* u mhux id-dolo li hija pertinenti ghall-finijiet ta` imputazzjoni ta` feriti gravi.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-imputati odjerni mill-akkuza lilhom addebitata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------